RAPPORT TA' ĦIDMA 2020
KUNSILL LOKALI KALKARA

Dan ir-rapport juri l-ħidma prinċipali li twettqet mill-Kunsill Lokali tal-Kalkara għall-perjodu li jkopri minn Jannar sa' Diċembru 2020. Din is-sena, kienet l-ewwel sena sħiħa, fuq perjodu ta' tnax-il xahar, tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Kalkara li huwa elett mill-Poplu wara l-Elezzjoni li kienet saret fil-25 ta' Mejju, 2019. Bl-għan prinċipali jibqa' li dan il-kunsill lokali taħt it-tmexxija tas-Sindku s-Sur Wayne Aquilina jibqa' jħares l-interessi tar-residenti kollha u fl-istess ħin jiżguraw livell għoli ta' effiċjenza u serjetà fir-responsabbiltajiet kollha li għandu l-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill Lokali matul din is-sena baqa' kompost minn 5 membri eletti mill-poplu. Is-Sur Wayne Aquilina, fil-kariga ta' Sindku, is-Sur Vincent Bongailas fil-kariga ta' viċi-sindku, filwaqt li s-Sinjuri Maria Sultana, Speranza Chircop u s-Sur Christopher Bruno, fil-kariga ta' kunsilliera.

Il-maġġorparti minn din is-sena, kienet kkaraterizżata mill-Pandemija tal-virus Covid19. Il-Kunsill Lokali ħadem skont id-direttivi li bdew joħorġu mill-awtoritajiet tas-saħħa, apparti l-bosta inizjattivi li ttieħdu għar-residenti Kalkariżi, fost dawn:

- Sar Tindif kontinwu u ffumugar ta' diversi żoni fir-raħal b'kollaborazzjoni ma' Clean Malta.
- Sar arranġament biex 10 ħaddiema mill-kumpanija Ozo Group jingħaqdu mal-kunsill f'xoghol ta' tindif u manutenzjoni madwar ir-raħal
- Provdejna servizz ta' transport b'xejn bi ftheim ma' GotoMalta

- Qassamna xitla tal-fjuri b'xejn f'kull residenza b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, bħala sinjal ta' ħajja, tama u kuraġġ.
- Saru s-sinjali u marki ta' "Żomm id-Distanza" f'postijiet importanti bħal quddiem ħwienet u ħdejn il-bus-shelters
- Bi ftehim ma' Prisms Malta kellna numru tat-telefon fejn residenti setgħu jċemplu jekk iħossuhom waħidhom jew f'bżonn ta' xi ħaġa
- Tħitu maskri tad-drapp mill-Kalkariżi għall-Kalkariżi stess. B'hekk il-Kalkara kienet l-ewwel lokalita' f'Malta li qassamna self-made masks b'xejn f'kull residenza.
- Divertiment f'ċertu żoni fil-Kalkara biex ir-residenti jibqgħu ġewwa fost dawn, ipparteċipajna fil-Kampanja "Ibqa' ġewwa" u l-Hybrid-Festival b'kollaborazzjoni ma' Festivals Maltia
- Ferraħna lit-tfal mid-djar meta karrattri popolari daru diversi toroq fir-raħal iferrħu lil kulħadd.
- Konna fost tal-ewwel li pparteċipajna fil-kampanja #lighttheskymalta biex permezz ta' dawl fuq il-bija storika ta' Villa Bighi ngħidu grazzi simbolika li dawk li qed jaħdmu kontra l-imxija tal-pandemija Covid19.
- Qassamna mask-case prottetiva lil kull tifel u tifla li jattendu l-iskola primarja.
- L-operat tal-kunsill ġie addattat ukoll b'sistema ta' tele-working biex is-servizz jibqa' jingħata, bla ebda interuzzjonijiet

Lilhin mill-pandemija, il-ħidma tal-kunsill lokali b'kollaborazzjoni ma' oħra, baqgħet miexja b'ritmu tajjeb, anke fl-infrastruttura.

- Bdiet u tlestiet Triq il-Kappuċċini b'ħidma kkooridinata ma' Infrastructure Malta u beda x-xogħol ta' bini mill-ġdid tat-Triq is-Sienja.
- Wara ħafna konsultazzjoni, il-GHRC (Grand Harbour Regeneration Corporation) daħħlet l-applikazzjoni mal-awtorita' tal-ippjanar sabiex ix-xatt tal-Kalkara jiġi riġenerat.

- Bi ftehim li sar ma' Infrastructure Malta , wara ħafna talbiet finalment saret bankina ġdida u z-zebra crossing bżonjuża fi Triq Santa Liberata, quddiem il-kunvent tal-Kappuċċini.
- Sar 'fence' protettiv u li jagħmel iż-żona aktar sigura f'dawret Bighi (Faċċata tal-Esplora) f'ħidma kkordinata mal-ħaddiema tad-Dipartiment tax-xogħlijiet fi ħdan il-Ministeru għat-trasport, infrastruttura u proġetti kapitali.
- Tbidlu t-tabelli kollha ta' notifiċi fil-bajja tar-rinella u sar xogħol ta' manutenzjoni fuq ic-cint li jdawwar il-bajja
- Inbena ċ-ċint mill-ġdid f'wiehed mit-turġien tal-bajja tar-rinella biex jiġi evitat il-periklu
- Inbeda l-proġett ta' 'new-water' mill-Korporazzjoni tal-ilma u x-xogħol ġie ffinalizzat f'parti minn Triq Santu r-Rokku, Triq Joseph Calleja u Triq il-Missjoni Taljana.
- Qed isir xogħol minn Infrastructure Malta fuq iż-żewġ naħat tal-breakwater tal-Port il-kbir, inkluż dak tan-naħa tal-Kalkara eżattament in-naħa li tmiss mal-Fortizza tar-Rikażli, parti li għandha tul ta' 120 metru.

Matul din is-sena, il-kunsill kompla jenfasizza ħafna aktar fuq l-ambjent, l-indafa, ż-żamma tal-lokal, is-sigurta' u l-protezzjoni tar-residenti. Filfatt għall-ewwel darba, dan il-kunsill investa f'sistema ta' kameras ta' sorveljanza fost ħafna xogħol ieħor li jinkludi:

- Ftehim ma' LESA biex ix-xatta permezz ta' kamera ikun aktar sigur minn parkeġġ ħażin u sorveljanza taż-żona.
- Il-Bajja tar-Rinella b'investiment tal-kunsill, għall-ewwel darba qed tkun sorveljata 24 siegħa kuljum.
- Kamera mal-binja amministrattiva tal-kunsill qed tosserva l-fetħa ta' Triq is-Salvatur.
- Regolarment ħadna ħsieb tindif ta' skart illegali, inkluz fil-wied tal-Kalkara u fiż-żona ta' rikażli
- Permezz tal-partijiet legali tagħna, il-kunsill lokali daħħal appell quddiem it-tribunal tal-ambjent u l-ippjanar fuq deċiżjoni tal-Kummisjoni tal-ippjanar li tapprova l-bini ta' 18-il appartament [PA/03758/19] f'sit tant qrib fejn hemm cart-ruts storiċi fil-Kalkara.

- Weħħilna 'bins' għas-sigaretti u 'chewing-gum' ħdejn uħud mill-istages l-aktar frekwentati fir-raħal tagħna, grazzi għar-Reġjun ix-Xlokk.
- Il-Kalkara bdiet tiġi nkluża fir-rotta tat-trakk tal-Wastserv biex jinġabar skart skomdu għar-residenti.
- Regolarment komplejna b'aktar qtugħ ta' ħaxix f'ċertu 'soft-areas' u ħadna ħsieb li nsebbħu diversi żoni fir-raħal grazzi għal ġardinara tagħna.
- Tħawwlu 48 siġra li ngħataw b'donazzjoni privata
- Cleanup fil-bajja tar-Rinella bħala parti mill-kampanja 'Save Our Blue' b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Ambjent, tibdil fil-klima u l-ippjanar.

Ħidma ma taqta xejn fejn jidħlu proġetti għal ġid tal-Kalkara u għal Kalkariżi. Tlestew jew inbdew proġetti li issa qed ingawdu l-frott tagħhom jew ser ingawduhom fix-xhur li ġejjin. Filfatt matul din is-sena, ġew iffirmati bosta ftehimiet, fost dawn:

- Ftehim mal-awtorita' tad-djar li bis-saħħa tiegħu ser jitkompla aktar xogħol ta' manutenzjoni fil-partijiet komuni fil-binjiet tal-gvern.
- Ftehim ta' fondi flimkien mal-Ministeru tal-agrikoltura, sajd u drittijiet tal-annimali, taħt l-iskema LC CARE Project.
- Iffirmajna Memorandum of Understanding (MOU) mal-Fondazzjoni Maltija għat-tisħiħ tas-Soċjeta' mmexxija mill-E.T Marie Louise Coleiro Preca għal "Proġett Komunitarja" li ser issir fil-Kalkara u 5 lokalitajiet oħra f'Malta. Dan il-proġett għandu l-għan li l-quddiem noħolqu spazju miftuħ, sigur, inklussiv u ambjentat mit-tfal għat-tfal.
- Ġie inawgurat ir-Rinella Tennis Club b'investiment ta' €200,000 mill-Ministeru tal-Infrastruttura. Proġetti bħal dawn jagħtuna kuraġġ sabiex il-komunita' tagħna ikollha aktar spazji sportivi u ta' rikreazzjoni.
- Beda x-xogħol fuq l-akbar proġett tas-saħħa li qatt seħħ fil-Kalkara tul dawn l-aħħar snin, dik li jkollna klinika ġdida, akbar u b'aktar servizzi. Dan ix-xogħol qed isir grazzi għal kollaborazzjoni li għamilna mal-Kura Primarja fi ħdan il-Ministeru tas-saħħa.
- Beda x-xogħol fuq librerija ġdida, grazzi għal ħaddiema provduti mir-Reġjun ix-Xlokk.

- Ħadna ħsieb li nagħmlu accessibilta aħjar għal-klieb biex jgħumu fiż-żona ddedikata lilhom f'Rinella, grazzi għal ħaddiema ta' Clean Malta
- Sar xogħol ta' restawr f'waħda mill-batteriji li tinsab fil-fortizza ta' Rikażli. Parti minn pjan ta' xogħol f'din il-fortizza li qed isir taħt is-sorveljanza tad-direttorat tar-restawr
- Xogħol ta' manutenzjoni, grazzi għall-ħaddiema tagħna, fil-klassi fejn isiru ċertu korsijiet matul is-sena.
- Grazzi għall-ħaddiema tagħna, twaħħlu ħmistax-il plakka madwar ir-raħal f'koordinazzjoni mal-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara bħala parti mill-proġett 'Heritage-Trail'.
- F'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Enerġija u l-Ilma, il-Kalkara bbenefikat minn ta' quddiem fil-Kampanja "L-ilma: ibda minnek" u għalhekk tqassmu "water-saving kit" f'kull residenza.

Apparti din il-ħidma l-Kunsill Lokali jibqa' jagħti kas ukoll l-aspett soċjali. Għalhekk, anke jekk b'mod ridott minħabba l-pandemija, ġew organiżżati numru ta' ħarġiet għall-anzjani u l-familji. Sar kors tal-bizzilla. Ivestejna f'aktar kotba ġodda fil-librerija għar-residenti tagħna. Ħadna ħsieb li xahar qabel il-Milied, nixgħelu t-tiżjin fid-daħla tar-raħal. Ipparteċipajna f'diversi avvenimenti u okkazzjonijiet, prinċiparjament f'Jum il-Kottonera, f'inizjattivi biex titqajjem kuxjenza dwar il-kanċer tas-sider (Pink October) u d-donazzjoni tad-demm, u għal sena oħra saret ukoll ir-rainbow crossing fix-xatt.

## Konklużjoni

Din il-ħidma matul l-2020 ta' din il-leġislatura tkompli tawgura tant tajjeb għall-kumplament tal-leġislatura. Għandna bażi tajba biex inkomplu fid-direzzjoni t-tajba. F'Novembru, wara aktar minn għaxar snin għall-użu tal-kunsill, il-propjeta' fi Triq San Mikiel ma baqgħetx aktar il-binja li tospita' l-berġa klinika u l-librerija b'kirja mingħand il-privat. Dan ifisser li l-kunsill issa ser ikollu bażi aktar soda u direzzjoni aħjar f'aspett finanzjarju. Għalhekk, komplejna nbidlu fejn kien hemm bżonn li nbidlu għal ġid tal-kunsill u fuq kollox għal ġid tal-lokal. Il-ħidma kollettiva flimkien, tista' twassalna għal riżultati sbieħ.

Dan ir-rapport għas-sena 2020, iġifieri minn Jannar sa' Diċembru 2020 huwa ffirmat mill-membri eletti kollha f'isem il-kunsill lokali.

**Is-Sur Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Vincent Bongailas**
**Viċi-Sindku**

**Is-Sinjura Maria Sultana**
**Kunsilliera**

**Is-Sinjura Speranza Chircop**
**Kunsilliera**

**Is-Sur Christopher Bruno**
**Kunsillier**

F'novembru waraWara aktar minn għaxar snin għall-użu tal-kunsill, illum din il-propjeta' fi Triq San Mikiel mhux ser tibqa' il-binja li tospita' l-berġa klinika u l-librerija.